**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 30

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 30 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 08 ta'April 2021, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid -Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 08 ta' April, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Alfred Bray — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Anne Fenech — Kunsillier
- Graziella Galea — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier

**30.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

**30.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (29)**

Il-Kunsillier Daryl Connor ressaq mozzjoni biex f'paġna 3, l-aħħar paragrafu jiżdied "tiġi annessa r-riżenja ta' Daryl Connor minn Viċi Sindku ma dawn il-minuti". Il-mozzjoni għaddiet.

Il-Minuti 29 ġew approvati b'emenda waħda.

**30.3 Punti mill-minuti**

**Xemxija Marina**

Il-kunsill ġie nfurmat li fis-16 ta' Marzu 2021, Transport Malta bagħtet ir-risposta tagħha għar-rikjesta tal-kunsill.Fejn intqal, li mhu sejjer isir l-ebda proġett ta' Marina ġdida fil-bajja tax-Xemxija. Iżda, li l-Awtorita sejra tindirizza l-istat abbużiv preżenti u sejra torganiżża u tirregola n-numru ta' mażżri llegali u bla ebda permessi skond il-liġi illi hemm u ilhom hemm għal diversi snin ġewwa żona f'din il-bajja. Dan kollu ser isir abbażi tal-permessi kollha neċessarji minn entitajiet oħra li qedin fil-proċess li jinħarġu.

Il-kunsill iħoss li f'dan l-istadju r-risposta hi suffiċjenti fejn jidher li l-bajja mhux se tiġi affettwata negattivament b'dak li mistenni jseħħ.

**Eco-Intermodal Hub Qawra**

Is-Sindku Alfred Grima nforma li fl-istess jum ta' din il-laqgha tal-kunsill hu ġie mistieden mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli biex jiltaqaw f'laqgħa biex jiddiskutu d-deċiżżjoni meħuda mill-kunsill rigward l-Eco-Intermodal Hub.

**IVECO KBM 554/ kiri ta' Vettura**

Il-Kunsill ġie nfurmat li skond il-market value il-vettura KBM 554 hi stmata €7,000. Fid-dawl tal-kundizzjoni eżistenti u l-ħsara eċċessiva fil-makna kien hemm qbil unanimu li l-prezz jinbeda b'€4,900.

**Konferenza ta' l-Aħbarijiet Ministru Clayton Bartolo – Xemxija**

Il-kunsill ġie nfurmat li nżammet konferenza ta' l-aħbarijiet mill-Ministru tat-Turiżmu, l-Onor Clayton Bartolo fix-Xemxija, fejn ta tagħrif tax-xogħolijiet li mistennija jsiru fl-akkwati. Inġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-kunsilliera ma kienux infurmati. Is-Sindku nforma li din il-konferenza ġiet organizzata mill-Ministeru tat-Turiżmu.

**30.4 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**ARMS – Kont 411000209872 (invoice 31657519)**

Il-kunsill irċieva kont ta' meter ta' l-ilma li jinsab qrib it-Torri ta' Wignacourt li sa issa jirriżulta li qatt ma ntbagħt qabel fl-ammont ta' 6,644.66. Kien hemm qbil li ma jsirx ħlas sakemm isiru l-verifikazzjonijiet.

**Restawr tat-Torri ta' l-Għallis - Din l-Art Ħelwa**

Il-kunsillier Graziella Graziella Galea iddikjarat li hi membru tal-Bord Gal Majjistral.

Din l-Art Ħelwa infurmaw lill-kunsill li għamlu applikazzjoni mal-Gal Majjistral għal Measure 1.

**Ċirkulari Numru *SPI/SCI/4/*2021 Korsijiet LifeLong Learning (taghlaq 7/5/2021)**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill li jsiru l-korsijiet LifeLong Learning.

Il-Kunsill approva.

**Bye-Law dwar Konsum tal-Alkoħol f'postijiet pubbliċi.**

Bħala punt ta' informazzjoni s-Sindku qal li wara li hu bagħt email lill-Onor Ministru Jose Herrera rigward Bye-Law Konsum tal-Alkoħol f'postijiet pubbliċi, ġie nfurmat li l-Ministru konċernat approvaha u li qeda għand it-taqsima legali biex tiġi proċessata.

**AM Brothers Ltd**

Il-kumpanija AM Brothers staqsew lill-kunsill għall-permessi neċssarji biex joffru serviżż ta' ġbir ta' żjut tal-kċina billi jqegħdu konteNituri tar-riċiklaġġ fil-lokalita. Infurmaw li għandhom il-permessi neċssarji ta' l-ERA biex jagħmlu dan.

Kien hemm qbil, li l-Kunsill joffri riklamar fuq il-pagna ta' Facebook tieghu tas-servizz offrut minn kumpaniji li jinteresahom jiġbru żjut bieb bieb.

**New Recycling collection proposal**

Il-kumpanija RefabLightblue Partnership li fil-lokalita diġa għanda konteNituri li fihom jinġabru l-ħwejjeġ għar-riċiklaġġ, qeda tistaqsi lill-kunsill għall-permessi neċessarji biex iżżid toffri serviżż ta' ġbir ta' żjut tal-kċina billi tqiegħed konteNitur f'kull lokazzjoni għal dan l-għan.

Kien hemm qbil, li l-Kunsill joffri riklamar fuq il-pagna ta' Facebook tieghu tas-servizz offrut minn kumpaniji li jinteresahom jiġbru żjut bieb bieb.

**Kulleġġ Marija Reġina, Wardija**

Il-kunsill ġie avviċinat biex jgħin lill-Kulleġġ Marija Reġina, Wardija fix-xiri ta' żerriegħa u prodotti għal ġnien organiku tagħhom b'valur ta' mhux aktar minn €500.

Il-kunsill approva li jinxtraw il-prodotti meħtieġa.

Inġibdet l-attenzjoni biex kull korrispondenza relatata mal-kariga tal-Komunita tintbagħt lill-kunsillier risponsabbli.

**Laqgħa Ministru Miriam Dalli**

Il-kunsill ġie nfurmat li fis-17 ta' Marzu, 2021, saret laqgħa bejn il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli Ms Miriam Dalli, is-Sindku Alfred Grima u l-Kunsilllier Stephen Cremona. It-temi diskussi kienu jittrattaw:

- ✓ Il-vetturi kummerċjali u l-possibilita li titnieda skema li tgħin jiġu skrepjati dawk li l-aktar qed jikkontribwixxu għat-tniġġiżż ta' l-arja.
- ✓ L-Eco-intermodal hubs
- ✓ Il-parkeggi riservati esklussivament ghal xi kumpanija partikolari bħal GO TO
- ✓ Pjan ta' azzjoni biex jitnaqqsu kejbils, arbli, u ostakoli mit-toroq maħluqa mill-infrastruttura tal-kumpaniji li joffru servizzi ta'komunikazzjoni ecc.
- ✓ Xogħolijiet tad-drenaġġ u ilma li se jsiru fil-lokalita bejn Triq il-Kaħli sa Triq Telegħt ix-Xemxija.

**Pubblikazzjoni ta' ktieb mill-istudenti tas-Sitt Sena**

Il-kulleġġ Maria Reġina ta' San Pawl il-Baħar kieteb lill-kunsill biex jara xihi l-possibilita li l-kunsill ikopri parti mill-ispejjes ta' ktieb li mistenni jiġi ppubblikat mill-istudenti tas-6 sena primarja.

Il-kunsill qabel li jirrispondi pożittivament għal ir-rikjesta, fejn jeħtieġ li l-Kulleġġ Maria Reġina ta' San Pawl il-Baħar iforni lill-kunsill b'rendikont ta' l-ispiża nvoluta. B'hekk il-kunsill ikun jista jistabilixxi l-ammont ta' l-għajnuna li se jagħti.

**Tħalassalejn Boċċi Klabb** – ħsara kaġun ta' dħul ta' ilma tax-xita.

Il-Klabb informa lill-kunsill li qed isofri ħsara mill-ilma tax-xita li dieħel fil-klabb. Is-semma l-fatt jekk il-kunsill għandux jew le jerfa rrisponsabilita ta' xogħolijiet konnessi ma waterproofing meta fil-minuti tal-kunsill laqgħa 36 li nżammet fl-24 ta' Jannar, 2007 hemm ikkwotat, li l-klabb kien ressaq rikjesta biex juża l-art ta' taħt il-bandli biex bħala indoor pitch, bil-kundizzjoni li l-istess klabb iħallas l-ispejjes u jagħmlu l-użu tas-saqaf eżistenti tal-klabb

disponibbli sabiex jintuża mill-pubbliku nġenerali u jifforma parti mill-bandli pubbliku. Inqrat ukoll ittra datata 22 ta’ Awwissu, 2013, fejn is-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill ta’ dak iż-żmien kien oġġezzjona għal ħlassijiet relatati ma xogħolijiet ta’ membrane minħabba li l-art inkwistjoni hi privata.
Kien hemm qbil dwar li l-kunsill jimxi mal-parir li se jingħata mill-perit tal-kunsill.

**Contracts Manager**

Intqal, li fil-5 ta’ April, 2021 inżammet l-ewwel laqgħa mal-Contracts Manager.

**Faċilita għar-rimi ta’ skart tal-Wasteserve**

Il-kunsill ġie nfurmat li t-trakk tal-kunsill sarulu tip ta’ diviżorji biex jiġi sseparat l-iskart miġbur mit-toroq. Dan sar konsegwenza li l-Wasteserve mhux qed tħalli jidħol trakkijiet bi skart imħallat aktar. Dan se jħalli impatt negattiv fuq il-ħidma tal-kunsill minħabba li issa x-xogħol kollu se jibda jinħat bl-idejn.

**30.5 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsit lis-Segretarju Eżekuttiv;

a) Billi l-Kunsill Lokali suppost jirċevi minimu ta' 10,000 roll ta' għaxar boroz kull wieħed, kull tlett xhur, (massimu ta' 12,400 roll ta' għaxar boroz), kemm il-roll (ta' għaxar boroz griżi kull wieħed) rċieva l-Kunsill Lokali matul is-sena 2020 sabiex dawn jitqassmu lir-residenti tal-lokalita'? Dawn tqassmu kollha?

**<u>Risposta:</u>** Il-kunsill irċieva 4,000 roll fit-13/02/2020, 2,400 roll fit-11/06/2020, u 2,400 roll fl-14/09/20 fejn dawn inġabru kollha.

b) Kemm il-roll (ta' għaxar boroz griżi kull wieħed) irċieva l-Kunsill Lokali matul is-sena 2021 sabiex dawn jitqassmu lir-residenti tal-lokalita'? Dawn tqassmu kollha?

**<u>Risposta:</u>** Il-kunsill irċieva 2,400 roll fejn dawn inġabru kollha

c) Meta kienet l-aħħar darba li l-Kunsill Lokali rċieva dawn il-boroz griżi u kemm il-

roll (ta' għaxar boroż griżi kull wieħed) irċieva?

**Risposta:** Il-5/01/2021 kienet l-aħħar darba li l-kunsill irċieva 2,400 roll.

d) Peress li bħalissa, għal darb'oħra dawn il-boroż mhumiex disponibbli mill-Kunsill Lokali, meta hu mistenni li jerġgħu jkunu disponibbli mill-istess kunsill?

**Risposta:**. Skedati għal April, 2021.

Il-Kunsilliera Anthony Delia staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv;

1.Hemm xi progress rigward l-art ta' ħdejn il-BOV fi triq il-Qalb ta' Ġesu?

**Risposta:** Saru diversi tentattivi biex isir kuntatt mas-sidien biss dan ma kienx possibbli. Fil-jiem li ġejjien se isiru tentattivi oħra.

2.Hemm xi progress rigward ż-żona tal-logħob tal-Bognor Aquatic Club?

**Risposta:** Il-kunsill għadu jistenna lil Sport Malta tibgħat kopja tal-kuntratt li ġie ffirmat bejn iż-żewġ naħat hekk skond kif ġie deċiż li jsir.

3.Meta se ssir il-laqgħa mal-perit risponsabbli mix-xogħolijiet tas-Simenta?

**Risposta:** Irid jiġi ċċarat, li għalkemm il-kunsill ġie nfurmat dwar ix-xogħolijiet li għaddejjin, il-manteniment taż-żona ma jaqax taħt ir-risponsabilita tal-kunsill imma ta' TM.

4.Kien hemm xi żvilupp dwar qbid u kontroll ta'ħamiem?

**Risposta:** Cirkolari AKL 2020/078 "*Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ"*kienet l-aħħar żvilupp li seħħ u din intbagħtet lil kull kunsillier fl-20/10/20.

**30.6 Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti x'jiġu għall-approvazzjoni

Il-Kunsillier Anthony Delia ressaq mozzjoni għas-sospenzjoni ta' l-Aġenda biex jiġi diskuss item 30.14 "Mozzjoni". Issekondat il-mozzjoni l-Kunsilliera Graziella Galea.
Wara li ma nstabx qbil ttieħed vot favur li jiġi diskuss item 30.14.

Favur Kunsilliera - Alfred Bray, Graziella Galea, Anthony Delia, Anne Fenech, Anthony Attard, Chris Vella Petroni, Antoinette Bezzina
Kontra – Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Carlos Zarb, Kunsilliera Daryl Connor,
Mario Salerno, Paul Bugeja, Stephen Cremona
Astensjonijiet- xejn
Il-mozzjoni għaddiet.

**30.14 Items Mozzjoni**

Wara li s-Sindku Alfred Grima qara l-mozzjoni (annessa mal-minuti) li ġiet imressqa mill-Kunsillier Anthony Delia sekondata mill-Kunsillier Chris Vella Petroni irrimarka illi,

Il-mozzjoni hekk kif ippreżentata tmur kontra dak li ġie deċiż mill-kunsill fil-laqgħa numru 29 li nżammet fl-4 ta' Marzu, 2021. Konsegwenza ta' hekk, iqis, li l-Artikolu 23 paragrafu (1) tas-sitt skeda ta' l-Ordnijiet Permanenti jkun inkiser kemm il-darba titħalla tiġi diskussa l-mozzjoni**.** Għaldaqstant qal li mhux possibbli li jħalli ssir id-diskussjoni.

Il-Kunsillier Anthony Delia qal li l-mozzjoni tressqet skond Artikolu 23.

Fuq Point of Order, is-Sindku Alfred Grima ta' ruling li ma jistax jilqa li tiġi diskussa l-mozzjoni għax la hija riżoluzzjoni speċjali u wisq anqas tipproponi li tiġi mħassra d-deċiżżjoni meħuda mill-kunsill fil-laqgħa 29.

Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li l-mozzjoni mressqa ma għanda x'taqsam xejn mad-deċiżżjoni meħuda qabel għax ġew ippreżentati pjanti ġodda u għaldaqstant għanda tiġi diskussa. Ipproponit emenda għal l-istess mozzjoni.

Fuq Point of Order, is-Sindku Alfred Grima ta' ruling dwar li l-mozzjoni mressqa titratta lis-stess suġġett, li jinbidel il-livell tat-triq minn kif hinu eżistenti. Għaldaqstant il-mozzjoni ma

jistax jilqaħa minħabba dak li ġie spjegat qabel. Qal li l-ebda emenda ma tista titressaq għall-mozzjoni li l-anqas biss tista tiġi diskussa. Fakkar lill-kunsilliera li għandhom kull dritt li jiktbu lill-awtoritajiet kompetenti jekk iqisu li r-ruling tiegħu jmur kontra l-liġi. Sostna, li hu mexa strettament ma dak li tiddetta l-liġi.

**30.7 Item: Sejħa pubblika - Project Manager**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għax-xiri ta' servizz ta' Project Manager fid-dawl tar-regolamenti ġodda u l-fatt li l-kunsill imbarka fuq diversi proġetti nfrastrutturali. Qal, li fost diversi dmirijiet hemm dak ta' Site Manager u risponsabbli mit-twettiq tal-proġetti. Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill unanimament approva l-proposti mressqa.

**30.8 Item: Proġett - Ta Fra Ben Beach-Garden**

Is-Sindku Alfred Grima poġġa fuq il-mejda tal-kunsill pjanti relatati ma proposta għall-proġett ta' Beach-Garden f'Ta Fra Ben li jinkludi walk ways u tisbiħ ta' l-akkwati skond dak deċiż li għandu jsir fil-laqgħa 19 u 20 tal-kunsill li nżammu fis-16 ta' Lulju u l-11 ta' Awwissu 2020 rispettivament. Informa, li dwar dan il-proġett hu tkellem verbalment mal-Ministru ta' l-Ambjent, l-Onor Aaron Farrugia, li minn naħa tiegħu wiehed l-appoġġ tiegħu lejn il-proġett. Huwa ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tal-kunsill, biex il-kunċett ta' Beach-Garden jitmexxa l-quddiem. Issekonda l-mozzjoni il-Viċi Sindku Carlos Zarb.
Il-kunsill approva l-proposti mressqa.

**30.9 Item: Proġetti ffinanzjati mill-Ministeru tat-Turiżmu**

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb għamel dikjarazzjoni għall-fatt li xi kunsilliera mill-partit Nazzjonalista qedin jippolariżżaw dawn il-proġetti fejn qedin jallegaw li mhux qedin ikunu nfurmati b'dawn il-proġetti għax huma membri tal-partit Nazzjonalista. Għaldaqstant qedin jagħtu nformazzjoni skorretta.

Is-Sindku nnega li dan qed isir tant li l-minuti juru totalment mod ieħor. Irrefera għall-konferenza ta' l-aħbarijiet indirizzata mill-Ministru tat-Turiżmu l-Onor.Clayton Bartolo fejn fost il-ħames proġetti li se jsiru f'San Pawl il-Baħar b'fondi allokati mill-MTA hemm erba minnhom li tressqu il-quddiem mill-kunsill stess. Il-proġetti huma:

Proġett tal-Belevedere ta' Triq il-Luzzu.

Proġett bdil u tranġar tal-wiċċ eżistenti tal-gallerija li tinsab fi Triq San Franġisk.

Proġett ta' tisbiħ fiż-żona tal-banjijiet tas-Salini qrib il-moll ta' Buġibba.

Proġett ta' tisbiħ taż-żona fi Triq San Pubbliju.

Proġett ta' tisbiħ taż-żona fi Triq il-Knisja.

Is-Sindku qal li MTA qablu li jħallsu ukoll għall-ispejjeż tal-perit ta' dawn il-proġetti kif ukoll li jgħinu finanzjarjament għax-xogħolijiet meħtieġa għall-manteniment tat-taraġ li jinsab fi ġnien il-Millenju. It-tali xogħolijiet ġew suġġeriti mill-perit tal-kunsill bi spiża mistennija li tleħħaq €9,800 + VAT.

**30.10 Item: PA/02090/21** - Applikazzjoni minn George Lido – għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fil-livell żona ta' l-għawm, addizzjonali ma dak li ġie approvat f'PA 4664/05.

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni sakemm issir verifikazzjoni dwar il-permess ezistenti.

**30.11 Item PA/01872/21** – Applikazzjoni art ODZ Ras il-Wardija, Safsafa tal-Wied, Il-Wardija  Biex kamra li nbnit qabel 1967 titwaqqa u tiġi rilokata u mibnija mill-ġdid kif ukoll bini ta' ġibja u ħitan tas-sejjiegħ.

Inġibdet l-attenzjoni, li mir-ritratti jidher li girna hemm mhux kamra. Intqal ukoll li l-fatt li l-art hi ODZ l-applikazzjoni taf tmur kontra l-policy preżenti.

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni.

Il-Kunsilliera Graziella Galea ressqet mozzjoni għas-sospenzjoni ta' minuti biex jiġi diskuss item 30.15 "Approvazzjoni ta' Kontijiet u xiri ta' oġġetti / servzzi". Issekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Paul Bugeja.

Il-kunsill approva l-mozzjoni mressqa.

**30.15 Approvazzjoni ta' Kontijiet u xiri ta' oġġetti / servzzi**

**Skeda ta' Pagamenti**

L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata hekk skond dak deċiż mill-kunsill.

**Manual il-Bidja Organika** - ktieb maħruġ mill-Gal Xlokk miktub minn Mario Salerno.
Il-kunsill approva x-xiri ta' 30 ktieb bil-prezz ta' €5.

**30.13 Item: Uniformijiet tal-Ħaddiema**

Is-Sindku nforma li l-uniform ta' skrivana tiswa €107 + Vat; żarbun mhux inkluż. Uniformi ta' l-irġiel tiswa anqas. Ġie pproponut, li għall-żmien is-6 xhur probation l-iskrivani jkunu obligati li jiġu bi qmis bajda b'tag mixtrija mill-kunsill. L-uniformi tinxtara wara li jagħddi l-perjondu tal-probation.
Il-kunsill approva dak propost.

Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku Alfred Grima, il-kunsilliera kollha qablu li jiġi estiż il-ħin tal-laqgħa biex l-uniku item li kien fadal mill-agenda jiġi diskuss.

**30.12 Item: Proposta ta' PPP** – Triq it-Turisti kantuniera Triq l-Imsell u Triq il-Mazzola

Il-perit Mintoff għan-nom tas-sidien ta' art li tinsab fi Triq it-Turisti kantuniera ma Triq l-Imsell u Triq il-Mazzola ressaq proposta ta' Public Private Partnership għall-konsiderazzjoni tal-kunsill. Fejn ippropona, li spazju pubbliku jiġi nkorporat ma binja ta' 8 sulari li mistennija tinbena u li l-parkeġġ eżistenti jiġi mħaffer u estiż b'diversi sulari taħt wiċċ it-triq filwaqt li l-arja fil-livel tat-triq, parti tibqa miftuħa għal użu pubbliku u l-parti l-oħra tiġi utilizzata minn lis-stabbiliment kummerċjali li se jinbena fil-livell tat-triq. Dan billi jitqegħdu mwejjed u siġġijiet. Din il-proposta qeda ssir fid-dawl li 73 m$^2$ ta' art ittieħdet mill-gvern, fejn ma saret l-

l-ebda espropjazzjoni. Is-sidien verbalment infurmaw, li l-iffinanzjar tal-bini u tlestija tal-parkeġġ propost isir minn fondi personali.

Wara diskussjoni u diversi interventi mill-Kunsilliera, ġie deċiż, li għadu primatur ferm biex tittieħed deċiżżjoni favur jew kontra l-proposta meta għadd ma saru l-ebda verifiki. Għaldaqstant, il-kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħti risposta lis-sidien tinġieb aktar informazzjoni fosthom mingħand l-Awtorita ta' l-Artijiet.

**30.16 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-8.40pm fejn din ġiet aġġornata għal 13 ta' Mejju, 2021.

Alfred Grima
Sindku

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv